KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 403 (8-31)

It-Tnejn 15 ta' Frar 2021 fil-5.30 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' online (skond Direttiva 7/2020).

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**403.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**403.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduti 402.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**403.2.1** 402.9 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li hemm diversi punti li hi semmiet fuq l-assenjar tas-Sur Chris Farrugia li ma kienux mniżżla fil-Minuti. Iċċarrat li minħabba li s-Sur Farrugia kien gie magħżul minn wara dahar l-kunsilliera mis-Sindku u d-DLG, u l-isem tressaq biss quddiem l-Kunsill Lokali wara li diġa' kien magħżul l-persuna u kien kollox pjanat biex jibda jaħdem mal-Kunsill Lokali, il-proċedura ma kienitx waħda ta' konsultazzjoni mal-Kunsilliera imma pożizzjoni li tixbaħ *'position of trust'* fejn is-Sindku għamel arranġamenti biex ikollu assenjat mal-Kunsill Lokali, *canvasser* tiegħu.

Rigward il-mistoqijiet li saru lid-DLG hija qalet li r-risposta riċevuta kienet vaga u ħarbet milli twieġeb il-maġġor parti tal-mistoqsijiet. Hija semmiet il-punt li l-persuna huwa meqjus bħala canvasser tas-Sindku. Hi rrimarkat li kienet qalet li s-Sindku ma għamel xejn meta ma ġewx imwieġba l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera għax donnu kellu nteress li l-mistoqsijiet ma jkunux mwieġba, hekk kif huwa ċar li kien hemm kollox diġa' maqbul għall-assenjar ta' din l-persuna, qabel din l-materja tressqet f'Seduta tal-Kunsill. Hi insistiet li dak kollu li kienet qalet fil-laqgħa preċedenti għandu jkun imniżżel fil-minuti.

Is-Sindku qal li kulħadd għandu d-dritt jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu, iżda qed tinqabeż kull linja ta' diċenza, anka peress li l-materja diġa ġiet diskussa fit-tul fis-Seduti preċedenti u ittieħed vot u kien hemm qbil, anka jekk mhux unanimu biex is-Sur Farrugia jiġi *detailed* mal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li s-Sindku qed jieħu deċiżjonijiet partiġġjani waħda wara l-oħra, waħda minnhom hija li għażel lis-Sur Farrugia in partikolari biex jiġi assenjat mal-Kunsill. Il-Kunsillier Julian Borg talab li l-punti li ssemmew għandhom jiġu imniżżla fil-Minuti.

**403.2.2** 402.3.11 Il-kunsilliera Francine Farrugia iċċarat li hi kienet saqsiet jekk din it-triq kinetx inkluża fil-proġett bil-fondi tal-UE u rriżulta li ma kientx, għalhekk kienet talbet li ssir talba lill-IM biex din it-triq titranġa. Hija qalet li beda xogħol ta' bdil tas-servizzi tal-ilma u għalhekk tifhem li sussegwentement għandha tingħata wiċċ ġdid.

**403.2.3** 402.3.12 Il-kunsilliera Francine Farrugia enfasiżżat fuq il-bżonn ta' dawn il-bus shelters għall-użu tal-ħaddiema u l-viżitaturi tad-Dar tal-Providenza li jagħmlu użu minn dawn il-bus stops.

**403.2.4** 402.4.3 Il-Kunsilliera Francine Farrugia sostniet li dan l-aħħar kien hemm diversi atti vandali fosthom li tkissret il-librerija u anka apparat tal-gym. Is-Sindku qal li intalbu l-istimi biex jiġu installati tmien cameras mat-tul kollu tal-open gym fi Triq Mons. F.X. Mangion. Il-Kunsilliera Francine farrugia staqsiet kif ser jiġu koperti l-ħsarat li saru bl-atti vandali. Is-Sindku qal li dawn jissewwew mill-fondi tal-Kunsill.

**403.2.5** 402.7 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li peress li l-Kunsill qed jipromwovi l-użu tas-servizzi tal-bring in site, qed issaqsi jekk fil-pjan propost hemmx area allokata adatta għal bring in site.

Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku issekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti.

**403.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**403.3.1** Is-Sindku qal li ix-xahar ta' Marzu ser ikun wieħed impenjattiv bl-attivitajiet ta' jum is-Siġġiewi u anka tal-Mixgħela tas-salib tal-Għolja, u għalhekk is-Seduta qed issir propju illum biex ikun hemm żmien adekwat għall-organizzazzjoni.

**403.3.2** Is-Sindku informa li l-ftehim mal-Wasteserv Malta Ltd. għall-ġbir tal-iskart organiku ġie estiż sal-31 ta' Diċembru 2021 bl-istess kundizzjonijiet.

**403.3.3** Is-Sindku rrefera għal talba mill-Island Car Club biex issir attivita' ta' Hill Climb u Sprint bil-vetturi fit-Triq il-mitjar ta' san Niklaw. Is-Sindku qal li fil-korrispondenza indikaw li ser jittieħdu l-provedimenti meħtieġa għall-osservanza ta' sigurta', ikun koperti b'polza ta' assikurazzjoni u jipprovedu għal preżenza ta' ambulanza, fire engine, uffiċjali tal-protezzjoni ċivili u tal-MMF. Is-Sindku qal li wara li kkonsulta mas-Segretarju Eżekuttiv rigward din it-talba, huwa konxju li kien hemm pożizzjoni fuq talbiet simili mill-Kunsill preċedentri f'Seduta 399 u anka kundizzjoni fil-ftehim ma' TM f'dan ir-rigward.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-Kunsill dejjem żamm mal-istess pożizzjoni għad-diversi talbiet simili li kien hemm u kien dejjem konsistenti fil-pożizzjoni tiegħu. Hija rreferiet ukoll għal ftehim li semma s-Sindku iktar 'il quddiem ma' TM datat 27/6/2017 u l-klawsola speċifika.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li l-Kunsill għandu jkun kawt għal dawn id-deċiżjonijiet għax jinħoloq preċedent għal talbiet minn diversi għaqdiet anka għal tlielaq taż-żwiemel. Huwa qal li l-Kunsill għandu jżomm ir-residenti fuq quddiem fid-deċiżjonijiet, inkluż il-bdiewa li jużaw din it-triq.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit reġgħat irreferiet għal ftehim ma' TM u qalet li it-triq kienet tranġat għall-benefiċċju tal-bdiewa u mhux biex isiru tlielaq.

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li ma jaqbilx li jingħalaq l-aċċess għad-diversi bdiewa li f'din it-triq għandhom għelieqi u rziezet.

Is-Sindku irringrazzja lill-Kunsilliera tal-feedback u qal li jidher ċar li l-Kunsill jaqbel li jikkonferma l-pożizzjoni u li t-talba ma tintlaqax.

**403.3.4** Is-Sindku qal li hemm diversi ħsarat fil-playground Nalizpelra, kemm riżultat ta' vandaliżmu u anka wear and tear. Huwa qal li hemm parti mill-equipment trid tinbidel u inġiebet stima mis-supplier li tammonta għal €3894 u b'hekk tinbidel biss il-parti l-imkissra. Huwa talab lill-Kunsill japprova din l-ispiża. Il-Kunsill approva l-ispiża. Is-Sindku qal li ġiet mibgħuta korrispondenza lill-Pulizija rigward il-vandaliżmu li qed isir kemm fil-bandli Nalizpelra u anka fl-open gym biex isiru patrols frekwenti. Is-Sindku qal li hu jaqbel mal-edukazzjoni u infurzar biex ngħelbu dil-problema u l-fondi tal-Kunsill jintużaw għal investimenti oħra flok biex tissewwa ħsara.

**403.3.5** Is-Sindku qal li kellu komunikat mill-NGO Happy Parenting Malta biex issir kampanja edukattiva dwar trobbija pożittiva tat-tfal. Il-proposta hija li jsiru sezzjonijiet ta' xahrejn bejn Marzu u April, għal massimu ta' sitt jew seba persuni, għal prezz ta' €35 kull sezzjoni li titħallas mill-Kunsill. Ġie kkalkulat li t-total jammonta għal madwar €560.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia rrimarkat li bħala Kunsilliera inkarigata mill-edukazzjoni ma ġietx notifikata fuq dan it-taħriġ. Hija rreferiet għal din it-talba u qalet li qed jintalab biex jintużaw il-premises tal-Kunsill mingħajr ħlas u barra minn hekk qed jintalab li l-Kunsill iħallas għas-sezzjonijiet. Hija qalet li mhix kontra li jiġu organizzati sezzjonijiet ta' għarfien, iżda il-miżata għandha titħallas mill-parteċipant u mhux mill-fondi pubbliċi, speċjalment jekk diġa qed jintuża l-post mingħajr ħlas u anka fid-dawl li m'hemm l-ebda skema li sa tgħin għal dan il-finanzjament. Dan jista joħloq preċedent għal NGOs oħra. Hija proponiet li taħriġ simili għandu jiġi organizzat tramite r-Reġjun fuq bażi reġjonali ħalli l-ispejjeż jinqasmu. Is-Sindku propona li jsir follow-up mal-Kunsilliera responsabli fuq dawn l-inizjattivi.

**403.3.6** Is-Sindku informa li saret laqgħa ta' konsultazzjoni dwar ir-restawr tal-istatwa ta' San Nikola mal-entitajiet konċernati fosthom l-Arċipriet u r-restawratriċi Agatha Grima, rappreżentant mill-Grupp tal-Armar, fejn għan-naħa tal-Kunsill kienu preċenti il-Kunsillier Julian Borg, is-Segretarju Eżekuttiv fliemkien miegħu u l-Perit tal-Kunsill. Il-Perit spjega l-andament u l-proċess tal-proġett fid-dettall. Is-Sindku qal li l-Arċipriet wera s-sodisfazzjon tiegħu għas-serjeta' u sodisfatt ħafna bir-rapport kif preżentat.

Is-Sindku qal li f'din il-laqgħa ssemmiet il-ħsara li saret fuq l-istatwa ta' San Pawl meta sarilha restawr snin ilu u qal li l-intervent iktar ikkawża ħsarat peress li l-ġebla ġiet mikxufa għall-elementi. Is-Sindku qal li rigward dan hemm bżonn isir l-istudju neċessarju biex jiġi identifikat l-aħjar intervent biex din l-istatwa tiġi salvata.

**403.3.7** Is-Sindku qal li kien infurmat mis-Segretarju Eżekuttiv li hemm diversi affarijiet fil-garaxx tal-kunsill li akkumulaw u hemm bżonn li dan jiġi sbarazzat mill-iktar fis. Is-Sindku talab lis-segeratrju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm 12 il-bin tal-ħadid, diversi pallets, bandla u gym equipment imkissra, diversi sinjali tat-traffiku imsadda u anka s-solar water heater li ilu snin skollegat u mingħajr użu li anka qed jikkawża ħsara lill-bejt bit-toqol tiegħu. Hija talbet l-approvazzjoni tal-Kunsil biex dawn jintremew. Il-Kunsill unanimament approva.

**403.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**403.5** **Skema ta' finanzjament għal żvilupp u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex SPI.SCI.2.2021**

Is-Sindku informa li ħarġet din l-iskema. Huwa saħaq li kull Kunsillier responsabbli li meta joħorġu skemi jieħu l-inkarigu biex issir l-applikazzjoni sal-ħin stipulat biex ma jintilfux fondi.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li diġa bdiet taħdem dwar din l-applikazjoni u qed tidentifika żoni fejn jista jsir proġett ta' 'traffic education'. Hija qalet ukoll li hemm diversi inizjattivi li jistgħu jiġu inklużi fosthom li l-ground vojt fil-Park ta' Għar Lapsi u areas vojta fl-open gym ta' Triq Mons FX Mangion. Din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja l-85% tal-ispejjeż, bil-bilanċ jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill. L-applikazzjoni tagħlaq fl-24 t'April 2021. Is-Sindku talab l-approvazzjoni biex issir l-applikazzjoni għal din l-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament.

**403.6** **Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali SPI/SCI/3/2021**

Is-Sindku infurma li ħarġet din l-iskema għall-attivitajiet Kulturali annwali. Huwa qal li għal din l-iskema għandna napplikaw fuq l-attivita' annwali tal-Mixgħela tas-Salib tal-Għolja li ssir f'Ħamis ix-Xirka. Din l-iskema ser tkun qed tiffinanzja l-85% tal-ispejjeż, bil-bilanċ ta' 15% jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill. L-applikazzjoni tagħlaq fis-16 ta' Marzu 2021. Is-Sindku talab l-approvazzjoni biex issir l-applikazzjoni għal din l-iskema. Il-Kunsill qabel unanimament.

**403.7** **Tenders**

Is-Sindku talab ukoll li jiġi kkonfermat il-Bord ta' Evalwazzjoni għat-tenders, kompost minnu, mill-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Alessia psaila Zammit u Julian Borg u -s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill unanimament approva l-formazzjoni tal-bord.

**403.7.1** **Tender – Miżura 4**

Is-Sindku qal li hemm bżonn li tinħareġ sejħa għat-tender għax-xogħolijiet tal-proġett ta' San Niklaw taħt Miżura 4. Dan peress li ix-xogħol infrastrutturali kien ser isir bil-kuntratt LCS12/18 iżda li issa l-Kuntratt kien terminat.

**403.7.2** **Tender – Miżura 1 Restawr tal-Istatwa ta' San Nikola LCS10/20/1**

Is-Sindku qal li it-tender qiegħed fil-proċess ta' evalwazzjoni. Hu qal li l-Perit tal-Kunsill intalab jagħmel rapport tekniku dwar il-konformita tal-irħas offerta mitfugħa.

**403.7.3** **Tender LCS7/19 – Lattrini Pubbliċi**

Is-Sindku qal li dan it-tender qiegħed fil-proċess tal-evalwazzjoni.

**403.7.4** **Tender LCS34/2020 – Cleaning and Clearing of Surfaced and Non-Surfaced Non Urban Areas**

Is-Sindku informa li dan it-tender qiegħed għal proċess ta' evalwazzjoni.

Is-Sindku talab lill-membri tal-Bord biex jiproċedu mill-iktar fis għal evalwazzjoni ta' dawn it-tenders. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ġibdet l-attenzjoni biex meta jkun hemm ftehim għal laqgħa iżommu mal-appuntament għax kulħadd ikollu l-impenji tiegħu.

**403.8** **Jum is-Siġġiewi 2021 u Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2021 – Aġġornament**

**403.8.1** **Jum is-Siġġiewi 2021**

Is-Sindku qal li qed isiru il-preparamenti għall-programm ta' jum is-Siġġiewi u ta aġġornament.

Nhar il-Ħadd 7 ta' Marzu 2021 ikkonfermata quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Parrokjali

Nhar il-Ħadd 14 ta' Marzu 2021 fis-6.30pm Serata kommemorattiva u l-Għolti tal-Unur Onorefiċenza Mertu Siġġiewi, fis-sala tal-Limestone Heritage, u wara jkun hemm bibita skond il-provedimenti u r-restrizzjonijiet tal-Awtoritajiet tas-Saħħa.

Is-Sibt 20 ta' Marzu 2021 ser issir attivita ambjentali li tinkludi tindif u taħwil ta' numru ta' siġar indigeni u arbuxelli f'diversi żoni fis-Siġġiewi. Is-Sindku qal li din l-attivita ħa ssir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' Ħaż Żebbuġ peress li ġie identifikat il-Wied tal-Hesri li qiegħed bejn iż-żewġ konfini. Huwa qal li s-siġar ser jiġu provduti minn Ambjent Malta u anka mill-Ministeru tal-Ekonomija.

Nhar is-Sibt 27 ta' Marzu 2021 ser issir l-attivita' sportiva b'kollaborazzjoni mas Siġġiewi Rowing Club. L-attivita' ser issir fil-Park ta' Għar Lapsi biex tkun fil-miftuħ. Is-Sindku qal li minħabba s-sitwazzjoni preżenti mhix konsiljat li ssir sports day.

Is-Sindku qal li l-proposta li jsir kunċert ta' mużika sagra fil-knisja parrokjali fil-31 ta' Marzu 2021 biex jamalgamana l-attivitajiet ta' jum is-Siġġiewi mal-Mixgħela għadu mhux konfermat. Mill-feedback tal-Arċipriet hemm diversi restrizzjonijiet imposti mill-Kurja u għalhekk għad irid jikkonferma. Hu propona li isir iktar 'il quddiem.

**403.8.2** **Mixgħela 2021**

Is-Sindku qal li l-ġimgħa l-oħra saret laqgħa mmexija mill-Kunsillier Adrian Farrugia mal-għaqdiet involuti. Is-Sindku qal li din is-sena l-attivita' ssir bil-limitazzjonijiet u ma jistgħux jiġu attirati nies. Il-ħsieb huwa li barra li jinxtegħel is-Salib bil-floodlighting u jinxtegħel il-portiku kif ukoll jitpoġġew il-fjakkoli fuq iz-zuntiertinħoloq rotta biex in-nies minn ġol-vettura tagħhom isegwu l-mixgħela tal-Pjazza u tas-salib tal-Għolja minn distanza. Is-Sindku qal li l-idea hija preliminari u triq tiġi identifikata rotta b'kollaborazzjoni mal-Pulizija biex jinħoloq l-inqas inkonvenjent possibbli lit-traffiku. Huwa qal li l-għaqdiet ġew infurmati b'dan il-ħsieb u għandhom isiru laqgħat fil-ġranet li ġejjin biex jitħabbru dettalji u s-sehem ta' kull għaqda. Qal ukoll li ser issir laqgħa mal-Pulizija biex naċċertaw li l-attivita' tkun konformi mar-restrizzjonijiet eżistenti u li jittieħdu l-provedimenti kollha neċessarji.

Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex jagħtu l-input tagħhom u jekk hemm idejat jew suġġerimenti jgħadduhom lis-Segretarju Eżekuttiv jew lill-Kunsillier Adrian Farrugia.

**403.9** **Jum is-Siġġiewi 2021 – Nominazzjonijiet Onoreficenza Mertu Siġġiewi 2021**

Is-Sindku qal li kien bix-xieraq li dan il-proċess ta' nominazzjoni jkun miftuħ fejn kull Kunsillier seta' jressaql in-nomina tiegħu. Huwa qal li l-ismijiet proposti tressqu b'mod kollettiv u qed jitressqu għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit staqsiet jekk l-ismijiet kienux ġew ċirkolati qabel mal-Kunsilliera peress li hi ma rċevithomx. Is-Sindku qal li kien irċieva l-ismijiet imressqa mill-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia u l-ismijiet l-oħra ser iressaqhom waqt is-Seduta. Hu qal li isem ta' persuna li ġie nominat kien diġa rikonoxxut fis-snin preċedenti. L-ismijiet imressqa huma:

- Il-Prof. Charmaine Gauci li diġa ġiet konfermata permezz ta' mozzjoni

- Rev. Joseph Grech
- L-Impjegati tad-Dar tal-Providenza
- Dr. Norbert Bugeja
- Grezzju Pace
- Albert Pace
- Mro. Raymond Sant

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li hi taqbel mal-maġġoranza tal-ismijiet iżda għandha oġġezzjoni fuq is-Sur Albert Pace peress li kien imsemmi fil-media fuq kontroversja ambjentali. Qalet li skond kif irrapurtat kellu jkun hemm investigazzjoni tal-Pulizija dwar dan. Hija qalet li mhix f'pożizzjoni li tgħid jekk l-investigazzjonijiet għadhomx *ongoing* ghaliex din hija nformazzjoni li jkollha l-Pulizija mhux hi, pero

qatt ma jidher li kien hemm xi *statement* fil-media li dawn ġew konkluzi. Qalet ukoll li dak li taf huwa kollu mxandar mill-media u faċilment aċċessibbli minn kulħadd u m'hemmx dubju li Albert Pace kien suġġett ta' kontroversja. Għaldaqstant peress li l-Onorefiċenza għandha tkun Unur li jingħata lill-persuni li jagħtu eżempju, lil hinn minn kontroversji u investigazzjonijiet, ma taqbilx li Albert Pace għandu jingħata dan l-għola unur li jagħti l-Kunsill Lokali.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit staqsiet min kien il-Kunsillier li innomina lis-Sur Pace. Is-Sindku qal li n-nomini tressqu b'mod kollettiv. Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li qabel jitressqu l-ismijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill għandu jkun hemm iċċekjar u verifika fuq kull persuna nominata biex ikun assigurat li dawn huma persuni eżemplari. Hi qalet li s-Sindku għandu jkun preparat għal-laqgħa u mhux jiġi għal laqgħa daqslikieku mhux a konoxxenza bil-kontroversja ta' Bertu Pace.

Is-Sindku qal li hu kien innomina lil Dr. Bugeja u lil Grezzju Pace filwaqt li l-Viċi Sindku innominat lil Mro. Sant u l-Kunsillier Adrian Farrugia lis-Sur Pace.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-informazzjoni dwar il-każ tas-Sur Pace kien imxandar fil-media u kienet aħbar nazzjonali. Hi tenniet li ma temmenx li l-ebda kunsillier jew is-Sindku iridu jagħtu l-impressjoni li qatt ma semgħu b'din l-kontroversja.

Hija kompliet li fis-snin preċedenti kienet issir konsultazzjoni bejn is-Sindku u l-*minority leader* biex jiġu vverifikati l-ismijiet imressqa qabel jiġu preżentati quddiem il-Kunsill. Dan sabiex jiġi assigurat li jkun hemm għaqda fuq Jum is-Siggiewi u jiġi kjarifikat li l-ebda persuna ma hija suġġett ta' xi kontroversja jew li jista' jkun hemm xi ħaġa li ġġib firda fuq xi nominazzjoni.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li fil kas tiegħu kien ressaq isem li meta vverifika mas-Segretarju Eżekuttiv irriżulta li kien diġa ħa l-unur. Hu qal li jaqbel li filwaqt li l-ismijiet l-oħra huma kollha validi, ma jfissirx li kull isem li jiġi nominat għandu jiġi aċċettat mill-Kunsill, speċjalment jekk ikun hemm xi issue.

Is-Sindku qal li għalhekk kien qiegħed iressaq l-ismijiet għall-approvazzjoni tal-Kunsill u jekk hemm issue għandha tiġi verifikata qabel l-ismijiet ikunu finalizzati.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li bi tfittxija sempliċi tal-isem tal-individwu fuq il-media soċjali jitilgħu diversi paġni b'aspett negattiv u għalhekk f'każ li l-Kunsill jirrikonoxxi lil din il-persuna ser tirrifletti ħażin fuq il-Kunsill.

Is-Sindku qal li hu jemmen fi proċess demokratiku u għalhekk għandha ssir il-verifika neċessarja u jekk hemm bżonn issir seduta b'urġenza għall-approvazzjoni. Hu qal li sadattant ser jagħmel ir-riċerka tiegħu u jinforma lill-Kunsill bl-eżitu ta' dan.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li f'isem il-ħaddiema tad-Dar tal-Providenza għandha tiġi mistiedna biex tiġbor l-unur il-kap tal-Amministrazzjoni tad-Dar tal-Providenza bħala rappreżentant.

**403.10** **Approvazzjoni tar-rapport Finanzjarju (Q4)**

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba ċirkustanzi ta' kwarantina, irriżulta dewmien biex tingħalaq is-sena finanzjarja u għalhekk ir-rapport kien għadu mhux lest. Hija infurmat li appena jkun lest tiġi imsejħa Seduta b'urġenza.

**403.11** **Post vakat ta' Clerk fuq Skala 15 – Rapport**

Is-Sindku qal li b'referenza għar-rapport tal-evalwazzjoni kien hemm osservazzjonijiet li l-Kunsillier Julian Borg li huwa membru fil-bord ta' evalwazzjoni ma qabilx magħhom, u kien hemm nuqqas ta' qbil. Is-Sindku qal li peress li kien hemm dewmien esaġerat minħabba diversi fatturi għall-impjieg tal-*customer care*, qed iressaq ir-rapport għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li hu ma qabilx mal-proċess kif sar kif diġa spjega f'Seduti preċedenti u mhux mar-rapport essaġġ. Is-Sindku talbu jispega l-oġġezzjoni tiegħu. Il-Kunsillier Borg qal li hu m'għandux oġġezzjoni fuq il-persuna in se, imma fuq il-proċedura. Hu qal li mhux ħa jerġa jidħol fid-dettall għax dan diġa spjegah ukoll fir-rapport li preżenta u li talab biex jiġi anness mar-rapport. Hu qal li l-pożizzjoni tiegħu għadha treġi.

Hu qal li għal fini ta' Minuti, ir-rapport jgħid li l-bord jirrakommanda lis-Sra. J. Pace, meta għat-tieni interview kienu mistiedna mis-Segretarju Eżekuttiv is-sitt persuni li ġabu l-iktar punti totali fl-ewwel interview, u attendiet ukoll is-7 persuna is-Sra J.Pace li ma kinetx mgħajta mis-Segretarju Eżekuttiv iżda ġiet mgħajta minn membru tal-bord, u din hija meqjusa bħala nuqqas fejn membru tal-Bord ikkomunika waħdu u b'mod dirett ma waħda mill-applikanti. Hu qal li din toħloq kollużjoni u għalhekk ma jistax jaqbel mal-proċedura.

Is-Sindku qal li kien hemm żball amministrattiv. Is-Sindku qal li bħalissa l-amministrazzjoni qegħda taħdem bi staff inqas, u rrigrazzja l-amministrazzjoni kollha li minkejja s-sitwazzjoni preżenti jagħtu kontribut tajjeb ħafna. Huwa qal li l-Kunsill ma jistax iġebbed iktar għall-impjieg ta' din il-persuna u għalhekk ser iressaq ir-rapport għal vot.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit staqsiet x'kien l-iżball amministrattiv u min għamlu l-iżball. Is-Sindku qal li kien hemm nuqqas li tintbagħat l-ittra ta' appuntament lis-Sra. Pace u insista li kien żball amministrattiv. Il-Kunsilliera Psaila Zammit staqsiet konferma fuq min għamel l-iżball u x'kien l-iżball. Hi talbet lis-Segretarju Eżekuttiv tikkonferma jekk filfatt kienx żball amministrattiv li hi taf bih. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-ittri t'appuntament intbagħtu lis-6 persuni li ingħataw l-iktar punti mill-bord u kif kien deċiż mill-bord u ma kien hemm l-ebda żball minn naħa tagħha jew mpjegati tal-Kunsill Lokali.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit qalet li jidher biċ-ċar li ma kien hemm l-ebda żball amministrattiv kif allega s-Sindku. Tenniet li ma tistax tifhem kif is-Sindku qed jgħid li kien hemm żball amministrattiv meta s-Segretarju Ezekuttiv indikat li mxiet ma' dak deċiz mill-Bord. Hi qalet li hija s-Segretarju Eżekuttiv li tmexxi l-amministrazzjoni u f'każ fejn s-Sindku seta' ħaseb li kien hemm xi żball, kellu jinforma lis-Segretarju Eżekuttiv biex tivverifika mhux jaġixxi waħdu u minn wara dahra l-bqija tal-membri tal-Bord.

Hi qalet li jidher li l-proċess tal-għazla seta' ġie vvizjat. Hi qalet li d-deċiżjoni ttieħdet mis-Sindku waħdu bħal fil-kas tal-ħaddiem Chris Farrugia li ismu tressaq wara li s-Sindku kien diġa' ftiehem kollox mal-awtoritajiet minn wara dahar l-kunsilliera. Hi rrimarkat li l-persuna li ġiet imsejħa mis-Sindku tattendi għal interview minn wara dahar il-bord, kumbinazzjoni intagħżlet hi mis-Sindku bl-appoġġ tal-Viċi Sindku, membru tal-Bord. Qalet li dan huwa każ serju meta numru konsiderevoli ta' persuni applikaw għal dan il-post u kienu jikkwalifikaw u ħadu l-ħin jiġu għal interview u intagħżlet persuna li ssejħet fuq inizjattiva tas-Sindku waħdu, minn wara dahar kulħadd. Hi wissiet lil kull membru li għandu jassigura li ma kienx hemm xi kunflitt ta' nteress jew ksur ta' proċedura għax il-Kunsill jista' jkun qed jiġi suġġettat għall-azzjoni legali kontra tiegħu.

Is-Sindku qal li jiddistanzja ruħu minn kull akkuża li jista' jkun hemm fil-konfront tiegħu. Hu qal li l-proċess kien wieħed twil u saru diversi *interviews* u anka rapport dettaljat, u wasal f'punt li jressaq id-deċiżjoni għal vot. Huwa saqsa jekk hemmx xi osservazzjonijiet oħra.

Is-Sindku talab vot fuq ir-rapport. Il-Kunsillier Psaila Zammit staqsiet jekk ir-rapport kienx l-istess wieħed li kien preżentat qabel li jinkludi r-rapport tal-Kunsillier Julian Borg. Is-Sindku kkonferma li hu l-istess rapport u talab il-vot.

Voti favur ir-rapport: is-Sindku, l-Viċi Sindku u l-kunsillier Adrian Farrugia

Il-Kunsillier Psaila Zammit qalet li ma tistax tivvota kontra l-kummenti ta' Julian Borg fir-rapport iżda kontra l-konkluzjoni tar-rapport li jikkonkludi li għanda tiġi impegata is-Sra. Pace. Is-Sindku qal li l-vot se jittieħed fuq r-rapport kollu.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit reġgħet tenniet li hi qed tivvota favur ir-rapport ta' Julian Borg u kontra li tiġi impjegata is-sra. Pace.

Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hija kontra kif saret il-proċedura u tirrimarka li persuna li tiġi mgħajta fl-aħħar minuta għal interview u tintagħżel hi ma hix ħaġa ġusta għal dawk li kienu applikaw u issejħu għall-interviews, għalhekk sa tkun qed tivvota kontra a rigward il-proċess.

Il-Kunsilliera Psaila Zammit talbet li mar-rapport tal-evalwazzjoni u r-rapport tal-Kunsillier Julian Borg jintbagħtu ukoll il-Minuti lid-DLG.

Voti kontra l-konkluzjoni tar-rapport: Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia.

**403.12** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**403.12.1** Il-Kunsillier Julian Borg semma dawn l-applikazzjonijiet li huwa l-Perit tagħhom u għalhekk mhux ser ikun qed jikkummenta fuqhom minħabba kunflitt. Dawn huma PA693/21, PA551/21, u PA8925/20.

**403.12.2** Il-Kunsillier Julian Borg irrefera għal PA534/19 *Construction of 2 water reservoirs below basement level, 68 garages, 18 parking spaces at lower basement level, 53 garages, 24 parking spaces, 6 meter rooms and a substation at basement level, and overlying 195 housing units, instead of previous permits PA 715/17, PA 4988/10 and PA 2686/04, Site at, Triq Nikola Bonello c/w Triq Dun Anton Vella, New Street in Triq Mons. F. X. Mangion, Triq Wied Hesri, Siggiewi.* Huwa qal li ġew sottomessi pjanti ġodda u ttellgħu si rapporti. Huwa talab li jkollna kopja tar-rapporti biex naraw fiex jikkonsistu u nkunu nistgħu nikkummentaw dwarhom.

**403.12.3** *PA392/21 Site at (disused quarry), Triq ta l-Ghaqba a.k.a., Il-Bur Ta' L-Ghaqba, Siggiewi, Conversion of disused quarry into a shooting range facility. Development at level 0 includes provision for 73 car spaces and construction of club house for members and classroom for tuition and construction of store plus four shooting bays at level -1.*
Is-Sindku qal li fis-seduta preċedenti kien hemm qbil unanimu li ma hemmx qbil ma' dan il-proġett u li l-Kunsill għandu jżomm l-istess pożizzjoni li kellu f'applikazzjoni simili PA 07829/16. Il-kunsillier Julian Borg qal li għandha titħejja sottomissjoni mill-Perit u tintbagħat sas-26 ta' Frar 2021.

PA6387/20 Barriera Ta Matti & Sons, off, Triq Wied Xkora, Siggiewi, To sanction existing structure for sand drying and sand sieving equipment (Class 5C) on an area previously occupied by an old unused quarry
Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm żviluppi fir-rigward ta investigazzjonijiet li kienu qed isiru mill-awtoritajiet. Is-Sindku qal li kellu diversi komunikati u evidenza b'ritratti u filmati tat-trabijiet u l-ħsarat ikkawżati fiż-żona msemmija. Huwa qal li l-ERA qed timponi multi fuq min qed iħaddem l-operat biex jiġi konformi, u li bħala Kunsill għandna nibqgħu insegwu l-andament.
Il-kunsillier Adrian farrugia qal li kien ikkuntattjah resident biex jara jekk kienx hemm xi żvilupp fuq is-sitwazzjoni u anka li kienet inħarġet stop notice dwar l-operat.

**403.12.4** *PA7291/20 Site at, Il- Gonna Tal-Buskett, Buskett, Siggiewi*
*Demolition of the existing dilapidated structure and construction of a visitors' centre having a slightly different design to that approved in PA 9094/17, including excavation for the laying of an underlying reinforced concrete raft foundation*
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li għandu jkollna dettalji dwar din l-applikazzjoni.

**403.12.5** PA09/21 137, Penthouse at San Gorg Preca Apartments, Triq ir-Rebbiegha,
Il-Kunsillier Adrian Farrugia ġibed l-attenzjoni li jista jkun ser tinqabeż l-iskema tal-għoli tal-bini.

Il-Perit Julian Borg propona li wara kull Seduta ssir laqgħa mal-Perit tal-Kunsill biex jiġu diskussi dawn il-punti u jekk ikunu jridu jsiru sottomissjonijiet jiddaħħlu fil-ħin.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ħarġet mil-laqgħa fit-8.30pm.

**403.13** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**403.14** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**403.15** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**403.16** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**403.16.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa dwar il-proposta li kien ressaq biex isiru linji tal-parkeġġ fi Triq Ġużeppi Aquilina. Is-Sindku qal li bħalissa hemm proċess ta' ristruttural tas-sottokumitat Infrastruttura. Huwa qal li barra din it-triq hemm toroq oħra li għandhom jiġu kkunsidrati linji ta' parkeġġ injluż f'toroq li għadhom kemm ġew żviluppati.

**403.16.2** Il-Kunsillier Julian Borg talab biex terġa teħel it-tabella tal-ħinijiet tal-iskola fi Triq ħal Xluq u semma mera mkissra f'Tal-Pinċjott li hemm bżonn tinbidel.

**403.16.3** Il-Kunsillier Borg ġibed l-attenzjoni rigward toroq magħluqa għall-eżekuzzjoni ta' xogħol mill-GO speċjalment fi triq Sta. Margerita li joħolqu inkonvenjent lir-residenti. Huwa propona li mal-permess titniżżel kundizzjoni li r-residenti għandhom jiġu avżati permezz ta' nota fil-letterbox sa jumejn qabel li it-triq sa tkun magħluqa.

**403.16.4** Huwa semma wkoll komunikat minn Ambjent Malta għal meeting. Il-Kunsillier borg qal li hemm bżonn tindif ta' diversi widien specjalment tal-Hesri. Huwa semma anka proposta ta' proġetti ambizjużi bħal noise emission u tranġar ta' ħitan tas-sejjieħ li jservu bħala ilqugħ għat-triq.

**403.16.5** Il-Kunsillier Borg qal li ġie kkuntattjat mir-residenti fi Triq Mons Mikiel azzopardi dwar biċċa art ta' quddiemhom u l-problema li għandhom tal-għargħar. Is-Sindku qal li bħalissa il-Kunsill huwa imħarrek bħala xhud fuq każ miftuġ mill-individwi kontra d-Dipartiment tal-Artijiet.

**403.16.6** Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li fi Triq Blat il-Qamar qed ikun hemm sewqan eċċessiv u qed jiproponi li jsir xi tip ta' traffic calming measures. Il-kunsilliera Francine farrugia qalet li TM qed jillimitaw li jinħarġu permessi minħabba oġġezzjonijiet mir-residenti stess.

**403.16.7** Il-Kunsilliera francine Farrugia qalet li rċeviet diversi ilmenti dwar il-ftuħ tal-berġa u l-uffiċċju tas-Servizzi Soċjali fis-Siġġiewi li qed jiftħu biss darba f'ġimgħa u r-residenti qed ikollhom jinżlu Ħaż Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li qed ikun haw it-tgergir mir-residenti u li diġa kellha kuntatt maż-żewġ dipartimenti dwar dan iżda jidher li għalissa ma jistgġux jinfetħu iktar frekwenti.

**403.16.8** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li l-karozzi tal-linja qed isibu diffikulta' biex iduru minn Triq it-Tabib Nikola Zammit għal Triq Sta Margerita ħdejn il-Mitħna minħabba vetturi pparkjati.

**403.16.9** Hija qalet ukoll li iktar kmien kien hemm post fuq il-media soċjali dwar il-kollettur li ħallat il-boroż il-bojod u s-suwed u dan qed iwassal messaġġ negattiv lir-residenti u jqajjem frustrazzjoni. L-ilment kien miż-żona Ta' Brandin.

**403.16.10** Il-Kunsillera Francine farrugia semmiet ukoll diversi ilmenti dwar ħruġ ta' boroż tal-iskart ħdejn ir-roundabout tal-Providenza minn tal-Hourse sanctuary li hemm viċin. Hija qalet li kellmuha diversi nies li rawhom ipoġġu xkejjer u boroż fil-post.

**403.16.11** Hija qalet li dan l-aħħar twaħħlu arbli ġodda tad-dawl fuq il-bankina ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi. Ġibdet l-attenzjoni li hemm bnadi fejn il-bankina ħallewha imħarbta, tħalla l-materjal li inqala mill-bankina fuq il-post u anka tabelli maqlugħa.

**403.17** **Aġġornament**

Peress li kien sar il-ħin, is-Sindku propona li l-laqgħa tiġi aġġornata.

Is-Sindku propona li l-kontinwazzjoni tal-laqgħa ssir nhar il-Ġimgħa 26 ta' Marzu 2021 fl-4.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 15 ta' Marzu 2021

| | |
|---|---|
| Dominic Grech | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |